# IL-WIRT KULTURALI MARBUT MAL-FUTBOL TAĦT IL-LENTI BL-IFFIRMAR TA' MOU BEJN HERITAGE MALTA U L-MFA

**Stqarrija | 4 ta' Mejju 2023**

Ir-rwol tal-futbol lokali bħala parti mill-wirt kulturali ta' Malta ġie enfasizzat permezz tal-iffirmar ta' Memorandum of Understanding bejn Heritage Malta u l-Malta Football Association (MFA).

L-oqsma ewlenin ta' kollaborazzjoni li l-MOU jipprovdi għalihom huma marbutin mal-operat u l-immaniġġar tal-Mużew tal-Futbol ta' Malta kif ukoll mal-promozzjoni tas-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta b'mod ġenerali iżda b'aċċenn partikolari fuq ir-reġjun tar-Rabat.

Heritage Malta se tipprovdi assistenza u konsulenza lill-MFA dwar l-operat ġenerali tal-Mużew tal-Futbol ta' Malta. Se tislef ukoll artefatti li għandhom relevanza għall-MFA biex jitqiegħdu għall-wiri.

Barra minn hekk, l-MOU jipprovdi għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet bi sħab bejn Heritage Malta u l-MFA, kif ukoll heritage trails li jinkludu l-Mużew tal-Futbol ta' Malta fl-itinerarju tagħhom.

L-MOU ġie ffirmat minn Noel Zammit, Kap Eżekuttiv, f'isem Heritage Malta, u minn Dott. Angelo Chetcuti, Segretarju Ġenerali, f'isem il-Malta Football Association.

Noel Zammit qal li l-futbol hu minsuġ fl-istorja soċjali u kulturali ta' pajjiżna u għalhekk hu parti integrali mill-wirt nazzjonali tagħna. Huwa semma l-benefiċċji li ż-żewġ istituzzjonijiet nazzjonali se jgawdu minn dan il-ftehim u rrimarka li Heritage Malta se tkun tista' tilħaq udjenzi ġodda li kien ikun diffiċli taċċessahom mingħajr il-koperazzjoni tal-MFA. Il-Malta Football Association, min-naħa l-oħra, se tibbenefika mill-esperjenza u l-għarfien ta' Heritage Malta kif ukoll mill-aċċess għall-udjenzi tagħha.

Dott. Chetcuti qal li l-MFA hija kburija b'din is-sħubija ma' Heritage Malta u bil-Mużew tal-Futbol. "Filwaqt li nħarsu 'l quddiem biex permezz tal-ħidma tagħna nilħqu l-għanijiet li fassalna għall-ġejjieni, nibqgħu kburin bl-istorja twila tal-futbol fi gżiritna. L-Assoċjazzjoni hija waħda mill-eqdem fid-dinja u l-logħba f'Malta minn dejjem kellha bosta segwaċi," qal is-Segretarju Ġenerali tal-MFA.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta